# Il-Kavallieri ta' San Ġwann u Mattia Preti

Mario Coleiro



Mario Coleiro

L-art Imqaddsa ta' Ġerusalem hi għażiża għat-tliet reliġjonijiet tal-Baħar Nofsani; dik Lhudija, dik Nisranija u dik Islamika. Fis-sena 134 W.K., ir-Rumani keċċew lill-Lhud għal kollox minn Ġerusalem, wara dan ma nafux x'ġara sewwa iżda jidher li fis-sena 327 W.K. Santa Elena, li kienet omm l-Imperatur Kostantinu, sabet mill-ġdid il-veru salib ta' Kristu u d-devozzjoni lejn l-Art Imqaddsa reġgħet xegħlet u ħafna pellegrini bdew iżuru dawn il-postijiet għeżież.

Il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu Ordni Reliġjuża u twaqqfu biex jieħdu ħsieb il-pellegrini li kienu jmorru iżuru l-Art Imqaddsa. Fil-1113 il-Papa tahom il-permess li jibnu djar, palazzi, kunventi u sptarijiet. Meta l-Palestina waqgħet taħt id-dominju tal-Musulmani, l-Ordni ta' San Ġwann ħadet forma ta' Kruċjati u bdew jiġġieldu biex jifdu din l-art minn taħt idejn il-misilmin. Il-Kruċjati kienu iffinanzjati mis-Slaten Ewropej u l-membri tagħha kienu ġejjin mill-aqwa familji ta' l-Ewropa. Iżda fl-1189 il-Kavallieri kellhom jitilqu minn Ġerusalem. L-aħħar Belt li l-Kavallieri kellhom fil-Palestina kienet il-Belt ta' Akri, li fl-1291 il-mexxej ta' l-Eġittu irnexxielu jkeċċihom minn hemm ukoll.

Minn Akri, il-Kavallieri marru fil-Belt ta' Limassol fil-gżira ta' Ċipru u hemmhekk tawha għal ħidma ġdida - bdew jibnu flotta biex setgħu jsiru nies tal-baħar. Minn Ċipru marru fil-gżira ta' Rodi fis-sena 1310 u baqgħu hemm sa' l-1522 meta Sulejman II tat-Turkija qaċċathom 'il barra minn hemm.

Fit-23 ta' Marzu 1530, ġewwa Kastelfranko ħdejn Bologna, l-Imperatur Karlu V iffirma l-għoti ta' Malta, Għawdex u Kemmuna lill-Kavallieri flimkien mal-ħarsien tal-kastell u l-Belt ta' Tripli. Wara din il-mossa il-qilla tat-Torok li kellhom lejn l-għedewwa tahom l-Ordni ta' San Ġwann, waqgħet fuq Malta. Fl-1551 Dragut assedja l-Imdina iżda kien dawwar fehmtu u attakka lil Għawdex u kaxkar lil Għawdxin fil-jasar. Minn hemm huwa baqa' sejjer Tripli u rebaħ dik il-Belt. Fl-1565 sar l-assedju l-kbir fuq Malta. Din id-darba kien imiss lil Malta toħroġ bħala rebbieħa

..... / 43

41 / .....

u l-Gran Mastru La Vallette iddeċieda li jibni Belt ġdida u li ssemmiet Valletta.

Din il-Belt inbniet u bdiet tissebbaħ ġmiela bil-bini fejn ittellgħu Palazzi, Bereġ, Bini Pubbliku u bosta Knejjes fosthom il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Din inbniet mill-Gran Mastru La Cassier. Kull Gran Mastru kien jagħmel opri ta' arti biex ikomplu iżejnu dan it-Tempju maestuż. Fi żmien il-Gran Mastru Martino de Redin inġieb Malta l-pittur Kalabriż Mattia Preti biex ipitter is-saqaf ta' din il-Knisja. Dan ix-xogħol sar kapolavur u poġġa din il-Knisja ma' l-ewlenin fid-dinja għall-pittura tagħha.



*Il-pittura ta' Mattia Preti li tinsab fil-Knisja l-Qadima u Matriċi - il-Martirju ta' Santa Venera V.M. li turi l-qtugħ ir-ras tal-Qaddisa.*



*Mattia Preti 1613 - 1699*

Mattia Preti ġie mogħti it-titlu ta' Kavallier u baqa' jgħix f'Malta. Kien għalhekk li ħafna mill-knejjes Maltin gawdew mit-talenti ta' dan il-pittur ta' fama internazzjonali. Fost dawn il-knejjes insibu il-Parroċċa taż-Żurrieq, Ħal Qormi (San Ġorġ), Żejtun, Ħaż-Żebbuġ eċċ... Fil-Knisja l-Qadima u Matriċi tagħna ta' Santa Venera nsibu biċċa xogħol ta' dan il-pittur famuż li hija l-pittura tal-Martirju ta' Santa Venera V.M. li turi l-qtugħ ir-ras tal-Qaddisa. Id-data meta saret din il-pittura ma nafuhiex iżda nistgħu ngħidu li din saret bejn is-sena 1688 meta kienet lesta mill-bini din il-knisja u s-sena 1699 li fiha miet il-pittur Mattia Preti li proprju din is-sena qegħdin infakkru t-300 sena minn mewtu.